MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Numru. 697/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**

**KONTRA**

**OMAR CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Omar Calleja ta' 20 sena, bin Joseph u Giovanna nee' Sghendo, mwieled Pieta nhar is- 6 ta' Frar 1988, u residenti fil- fond 18, Sqaq Charlotte, Ghargur, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 111788(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar l- 20 ta’ Ottubru 2006 ghall- habta tas-1.00pm minn gewwa Sqaq Cejlu, in- Naxxar u f’ inhawi ohra f’dan il- Gzejjer Maltin, ikkommetta serq ghad- dannu ta’ Carmelo Vella u/jew terzi persuni ohra ta’ propjeta minn gewwa vettura bin- numru ta’ registrazzjoni FBM 413, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz u bix- xorta tal-haga misruqa;

2) U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati ta’ Malta, datati 19 t’ April 2005 u 26 ta’ Gunju 2005 liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkunsidra sew din l-ammisjoni tieghu;

Rat illi dan ir-reat kien gie imwettaq aktar minn sentejn ilu, u ttiehdu proceduri kontra l-imputat biss ricentement;

**Ikkunsidrat:**
Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal din l-imputazzjoni, li giet imwettqa aktar minn sentejn ilu. In vista ta’ din l-ammissjoni, il-Qorti sejra tikkunsidra l-piena idoneja ghal dan il-kaz. Minn informazzjoni li inghatat lill-Qorti, jidher li l-imputat qabad triq tajba f’hajtu. Ikun opportun, ghalhekk, li jkun hemm perijodu ta’ sorveljanza fuqu sabiex dak li s’issa inkiseb mill-imputat ma jintilefx. Inoltre, ghalkemm

inghatat l-imputazzjoni tar-recidiva, din kienet biss fuq multa, u ghaldaqstant il-Qorti m'hix ser toghla bi grad fil-piena f'din is-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 265 u 271, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tordna lill-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ai termini tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 ghal perijodu ta' sena.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------